MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 336/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Victor Olivari**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' 02.45 hrs, fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira, waqt li kien qieghed jahdem ta' taxi driver bl-imsemmija "taxi car" numru KTY 175, naqas li jixghel/ihaddem it-taxi- meter ta' l-imsemmija vettura waqt li kien qed igorr il-passiggieri waqt kirja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 16A(5)(6)(a) Chap. 65, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal €120 multa.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 16A(6)(A) tal-Kap. 65 ordnat il-konfiska tat-"taxi-car" (Reg. Nru. KTY 175) ghal

zmien xahar u inoltre skwalifikat lill-appellant Victor Olivari milli jkollu licenzja tas-sewqan ta' "taxi-car" ghal zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta hemm dubju car li dan ghandu jmur favur l-appellant;
Illi l-Qorti skartat il-verzjoni ta' l-appellant fejn dan spjega b'mod car il-fatti li ma gewx kontradetti;
Illi l-appellant ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap. 65 ottempora ruhu mas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 16A u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-artikolu 16A ladarba sar uzu tajjeb tat-taxi-meter.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda ta' Enforcement Officer Silvio Farrugia w Enforcement Officer George Mercieca, addetti mal-Awtorita' dwar it-Trasport, irrizulta li waqt li huma kienu stazzjonati fejn ir-roundabout tal-Gzira ta' Regional Road, fis-27 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' 2.45 a.m., tfaccat taxi niezla mill-istess Regional Road fuq il-lane ta' barra bid-dawl ta' fuq is-saqaf mixghul. Kif din it-taxi avvicinat ir-roundabout id-dawl ta' fuq is-saqaf intefa'. Dan insospetta liz-zewg ufficjali w waqfu lit-taxi li kienet iggib numru KTY 175 u li kienet misjuqa mill-appellant. Meta huma ttawlu fit-taxi nnotaw li ghalkemm it-taxi-meter kien mixghul, kien qed jimmarka € 3.49c, li hija r-rata bazika li tidher fuq

il-meter appena x-xufier jixghelu w li ma tinqalibx u ma tinbidilx qabel mat-taxi tkun ivvjaggat distanza ta' kilometru. Umbaghad din ic-cifra tizdied b'€1.40 ghal kull kilometru li tivvjagga t-taxi. Ix-xhieda spjegaw ukoll li d-dawl ta' fuq is-saqaf tat-taxis jintefa' appena x-xufier jixghel it-taxi meter u dana b'mod awtomatiku.

Kemm EO Silvio Farrugia kif ukoll EO George Mercieca ikkonfermaw bil-gurament li meta staqsew lill-appellant ghaliex ma kienx xeghel it-taxi-meter qabel, dan kien wiegibhom "nghidlek il-verita', insejt nixghelu" u li f'ebda hin ma kien semmilhom li kien ghadu kif rikkeb lit-tlitt passiggieri Filippini li kellu fit-taxi mill-petrol station li hemm aktar il-fuq fit-triq Regjonali, fejn kien waqaf biex jiehu d-diesel, kif xehed l-appellant quddiem din il-Qorti.

Fil-verzjoni li ta quddiem din il-Qorti, l-appellant xehed li kien gej lura minn Paceville sejjer lejn id-dar biex izarma w kien ghajjien. Waqaf fil-petrol station li hemm aktar il-fuq fit-triq minn fejn waqqfuh l-Enforcement Officers. Hemmhekk sab tlitt Filippini li talbuh iwassalhom Marsaxlokk. Ghabbihom u saq u wara ftit xeghel it-taxi-meter. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx qal lill-Enforcement Officers li hu kien nesa' jixghel il-meter, l-appellant wiegeb li ma jafx li qal hekk.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 16A(3) tal-Kap. 65 jiddisponi li :

*"Kull persuna li ggorr passiggieri f'taxi-car ghandha mal-bidu tal-kirja tizgura li t-taxi-meter ta' dik il-karozza jkun jahdem tajjeb sabiex jirregistra sewwa skond is-subartikolu (1)".*

Illi hu ovvju f'dan il-kaz l-appellant ma kienx zgura li t-taxi-meter kien qed jahdem fil-bidu tal-kirja tant li lahaq ivvjagga distanza mhux hazin bejn il-petrol station – jekk stess kien verament ghabba lill-passiggieri tieghu minn hemm – u l-vicinanzi tar-roundabout fejn kien wasal meta l-Enforcement Officers raw id-dawl ta' fuq is-saqaf jintefa'

w fejn allura jidher li kien inxteghel ghall-ewwel darba it-taxi-meter.

Ikkonsidrat

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk tirrizulta l-offiza teknika kontemplata fl-artikolu 16A(3) fuq citata w ghalhekk l-aggravju tal-appellant huwa nfondat.

Ghar-rigward tal-piena din il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation u dak tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 skond id-disposizzjoni tas-subinciz (8) tal-istess artikolu 16A u l-Qorti ma tistax tordna konfiska t-taxi car u tal-licenzja tas-sewqan ta’ taxi-car ghall-perjodu li jkun inqas minn dak ta’ xahar skond l-artikolu 16A(6)(a).  Ghalhekk fic-cirkostanzi ma tistax, lanqas kieku trid, tnaqqas din il-perjodu tal-konfiska.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------